MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Mandat Numru. 254/2007/1

**Mary sive Marielle Cassar**

**vs**

**Edward Cassar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent f`dawn il-proceduri qed jitlob il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni fil-konfront ta` zewgha

sabiex dan ma jiddisponix assi tal-komunjoni ta` l-akkwisti partikolarment erba` *Investment Accounts* elenkati fl-istess rikors.

Ikkunsidrat illi l-ligi fl-Art. 873 tal-Kap. 12 tipprovdi li l-ghan ta` mandat ta` inibizzjoni huwa dak li izomm persuna milli taghmel xi haga li tkun jew tista` tkun ta` hsara ghall-persuna li titlob il-hrug ta` dak il-mandat.

Ikkunsidrat illi l-ligi tirrikjedi li jigu sodisfatti zewg kundizzjonijiet qabel jinhareg tali mandat. L-ewwel haga hi li l-mandat hu necessarju biex jigu salvagwardati d-drittijiet tar-rikorrent. It-tieni kundizzjoni hi li r-rikorrent juri almenu *prima facie* li ghandu dawk id-drittijiet li qed jippretendi li ghandu. Dawn iz-zewg kundizzjonijiet huma kumulattivii u mhux alternattivi.

Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum, ir-rikorrenti irnexxiela tipprova *prima facie* li ghandha d-drittijiet li qed tghid li ghandha. Il-partijiet huma mizzewgin u bejniethom ghandhom komunjoni tal-akkwisti. L-assi li r-rikorrenti tixtieq izomm lill-intimat milli jiddisponi minnhom jiffurmaw parti minn din il-komunjoni tal-akkwisti u bhala tali r-rikorrenti tgawdi drittijiet fuqhom.

Inoltre il-Qorti tinsab sodisfatta li l-hrug tal-mandat huwa necessarju sabiex jigu salvagwardati dawn id-drittijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa` t-talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kif dedotta fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------